MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 255/2002

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)

Vs

Paul Borg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Settembru, 2002 ghall-habta ta' l-11.30 a.m. fil-post maghruf bhala ta' Sabbar waqt stagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja, jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur (kuccarda) jekk ma kienx ghasfur li mhux imsemmi fl-Iskeda I li jinsabu mar-Regolamenti ta' A.L. 146 ta' l-1993. Dan bi ksur tar-regolament 9 (1)(b) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 t’Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 9/1(B) u 25 tal-146/93, ikkundannatu LM300 multa oltre il-konfiska tal-arma tan-nar esebita formalment u ssospendi l-licenzji kollha tal-kacca tal-imputat ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Borg minnu pprezentat fid-29 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi l-esponent jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjoni w kwindi liberati skond il-ligi. F’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Semghet ix-xhieda ta’ PC 959 Wistin Micallef.

Semghet lill-Avukat Prosekutur;

Billi mix-xhieda ta’ PC 959 Wistin Micallef jirrizulta b’mod kategoriku li l-hin tal-allegat reat kien 7.45 a.m. u mhux 11.30 a.m. kif hemm indikat fic-citazzjoni u fis-sentenza appellata u in vista tal-fatt, li minhabba id-divergenza kbira fil-hin, kif iddikjara lealment l-Ufficjal Prosekutur, il-htija ma tistax tirrizulta, tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------